**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 36 – IT-TNEJN 9 TA' NOVEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuytiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru ħamsa u tletin (35) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn is-27 ta' Ottubru u d-9 ta' Novembru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2676/09. Din kienet stedina mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għal Seminar dwar "Traffic Management u Health & Safety on the Road".

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2701/09. Il-Meusac kienet qed tavża lil-Kunsilli li sejrin isiru 'workshops' f'Tenerife għal gruppi żgħar ta' Żgħażagħ.

2.4. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2704/09. L-E.T.C. bagħat lista ta' applikanti prospettivi għall-post vakant ta' ħaddiem klerikali fil-Kunsill Lokali.

2.5 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2777/09. Kiteb l-Avukat għan-nom tal-Maypole fuq problema li qed jaffaċċja tal-ħanut biex jiġu trasportati u kkonsenjati lilu prodotti li jinbiegħu fil-ħanut tiegħu.

2.6 Is-Sindku Anthony Dalli ġibed l-attenzjoni għal-korrispondenza 2834/04 fejn irċevejna konferma mingħand id-Dipartiment tal-Ġvern Lokali li laqgħa t-talba tal-Kunsill biex is-siġġu tal-Kunsillier Joseph Camilleri ma jiġix dikjarat vakant.

2.6 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2681/09. Il-Kunsill Lokali staqsa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jeklk hemmx fondi speċjali biex issir attivita' bit-tema "Presepju Ħaj' mil-Kunsill waqt il-festi tal-Milied.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn s-27 ta' Ottubru u d-9 ta' Novembru 2009, kif tidher anness bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.28/01 dwar bankina imkissra quddiem residenza "Lorraine Cottage" fi Triq il-Wied. Din issir aktar il-quddiem ma' xogħlijiet oħra.

3.3 Rigward talba Nru. 03/11-2 biex isir 'bin' għal ħmieġ tal-klieb fl-inħawi tal-JB Stores. Il-Kunsill sejjer jikkunsidra din it-talba.

3.4 Rigward talba 527021 biex 'parking-bay' quddiem Nru. 36 u 34 fi Triq Ġwann Mamo titneħħa u minflok isir 'yellow-line' ghaliex is-sid qed isibha diffiċli biex joħroġ mil-garaxx. Il-Kunsill Lokali sejjer jikkunsidra din it-talba.

Rigward talba 06/11-1 biex titranġa parti mit-triq qabel tidhol għal Triq Erin Serracino Inglott peress li hemm biċċa kollha skossi. Il-Kunsill sejjer jara x'jista' isir.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' krudituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 01760/09 "Change of Use" minn garaxx għall-ħanut taż-żebgħa u tabella. Jinżamm parti mil-garaxx għall-parkeġġ ta' vetturi privati. Majjorkin, Triq il-Klin. L-applikazzjoni ġiet diferita għal aktar informazzjoni.

5.3 Dwar PA 06538/09 Ħatt ta' dar u bini ta' basement garaxxijiet u maħżen, ħanut u meżżanin isfel, appartamenti fl-ewwel u t-tieni sular u penthouse u tabella fis-sular tal-bejt inkluz il-lift. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abs. L-applikazzjoni ġiet diferita għal aktar informazzjoni.

5.4 Dwar PA 00912/09 'Change of use' garaxx A għall-ħanut lokali u garaxx B bħala 'storage' skond il-permess anness biex isir ħanur klassi 4, bini ta' basement, store u tabella. ġo garages A u B Triq Ċitru. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Dwar PA 026647/07 Approvazzjoni ta' garaxx kif imbena u alterazzjonijiet fil-garaxx u parkeġġjar ta' vettura personali għolja 14 il-filata. 33, Triq Karm Vassallo. L-applikazzjoni ġiet diferita għaliex ma kienx hemm 'quorum'.

5.6 Dwar PA 02917/09. Biex tinbena bungalow, semi-detached villa u swimming-pool ġo Plot Nru. 4, Triq il-Wied. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.7 Dwar PA 03054/09. "Change of use" minn bitħa għal garaxx biex jifforma parti minn garaxx ieħor eżistenti li hu parti mid-dar.

5.8 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 03352/09. Bioremediation Plant u bini anċillari li jinkludi ufficċju mibni taħt il-livell tat-triq. Sit, Tat-Tabib.
PA 03444/09. Applikazzjoni għal żvilupp tal-ħanut eżistenti, store u bini ta' fuq. Żieda ta' parkeġġ taħt l-art, ħanut 'semi-basement', ħanut fuq sular wieħed, ufficċji fil-livell ta'-penthouse. "Change of use" minn residenzjali għal-

kummerċ. Model Shop, Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm.
PA 04377/09. Alterazzjonijiet u bini addizjonali ġol-Villa eżistenti. Fiorentina, Triq in-Namur.

5.9 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjonijiet fuq dawn l-applikazzjonijiet :
PA 03444/09 The Model Shop, Triq Geronimo Abos c/w Triq Dun Karm ”għal change of use”.
PA 03352/09. Sit , Tat-Tabib. Bioremediation Plant u Bini Anċillari, ufficċju taħt l-livell tat-triq.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli raga’ semma l-attivitajiet li sejrin isiru mil-Kunsill waqt iż-żmien tal-Milied. Dawn kienu :
Film għat-tfal.
Presepju Ħaj- Għal dan l-iskop il-Kunsill Lokali bagħat jistaqsi lid-Dipartiment tal-Ġvern Lokali jekk kienx hemm xi fondi speċjali għall-ammont ta’ €3,000 (l-ispejjez għal din l-attivita’) li seta’ japplika għalihom.
Jekk ir-risposta tkun pożittiva aħna nkunu nistgħu ‘nkomplu norganizzaw din l-attivita’.
Issir il-Bibita’ tal-Milied bħas-soltu.

6.2 Is-Sur Dalli staqsa jekk kienx hemm xi proposti oħra u jekk hux kulħadd kien qed jaqbel.
Dawn l-attivitajiet ġew ikkonfermati .

Dati jiħabbru aktar tard.

## 7. TRAFFIKIU FI TRIQ ĊENSU BUSUTTIL.

7.1 IL-Kunsill Lokali kien qed jaħseb fuq din it-triq li saret traffikuża ħafna u kien qed jaħseb ftit x’jista’ jsir.

7.2 Kien hemm proposta biex il-vetturi li joħorġu minn Triq Ġużè Muscat Azzopardi u jduru lejn il-lemin ma jinżlux minn Triq Ċensu Busuttil iżda minn Triq Patri Marjanu Vella.

7.3 Wieħed irid jiftakar li vetturi joħorġu minn Triq Ġwann Mamo wkoll u jduru l-isfel. Għaldaqstant ma’ rridux noħolqu konġestjoni n-naħa t’isfel f’salib it-toroq bejn Triq Alfons Maria Galea u Triq Pietru Pawl Saydon.

7.4 Dan jeħtieġ aktar studju fuqu w l-Kunsill sejjer jibqa għaddej bid-diskussjonijiet sakemm tinstab soluzzjoni ġusta.

## 8. TRAFFIKU FI TRIQ IL-MUŻIKA

8,1 Il-proposta li kellu il-Kunsill Lokali minn xi residenti ta' l-inħawi kienet biex Triq il-Mużika issir "one-way" il-barra lejn Triq Naxxar.
Dan peress li jidħlu ħafna vetturi minn Triq Geronimo Abos u jsibu oħrajn ġejjin minn Triq in-Naxxar.

8.2 Il-Kunsill sejjer jikkunsidra din il-proposta, iżda sejjer jibgħat ukoll 'flyer' lil kull resident ta' Triq il-Mużika jistaqsi jekk jaqbilx jew le.

8.3 Imbagħad wara tittieħed deċiżjoni.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sur Dalli semma l-laqgħa li kellhom is-Sindki fuq " il-Patt tas-Sindki". Din kienet laqgħa nformattiva ħafna li minnha ħarġu ħafna punti validi.

8.2 Is-Sindku irrefera għal post li ġie vakant mil-ħaddiem klerikali li kellu l-Kunsill Lokali 'part-time'.

8.3 Wara li saru l-proċeduri normali, kemm mad-Dipartiment tal-Ġvern Lokali kif ukoll mal-E.T.C. l-Kunsill rċieva 14 l-applikazzjoni għall-konsiderazzjoni sa għeluq id-data tas-7 ta' Novembru 2009.

8.4 Ittieħdet deċiżjoni unanima li l-ewwel nibgħatu għal dawk li għandhom il-kwalifika tal-ECDL.

8.5 Għaldaqstant is-Segretarju ġie awtorizzat iċempel minnufih dawn l-applikanti ħalli jinfurmhom bl-appuntament.

## 9. AĠĠORNAMENT.

9.1 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.40pm

9.2 Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 23 ta' Novemberu 2009 fil-5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Ezekuttiv.